

Brussell, 21 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5602/26

AGRI 48
AGRIFIN 8
AGRIORG 7
AGRISTR 3
DELECT 11

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 266 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.1.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 fir-rigward tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 266 final.

Mehmuż: C(2026) 266 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.1.2026
C(2026) 266 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.1.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 fir-rigward tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KONTENUT TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro.

L-għan tal-emenda attwali tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 hu li tiżgura l-allinjament tagħha mar-Regolament (UE) 2021/2116. L-allinjament jikkonċerna l-waqqien tal-proċedura tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni.

Konformità mal-prinċipju diġitali: m'hemm l-ebda rilevanza diġitali peress li l-għan tal-att mhux li jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda, iżda li jwaqqaf proċedura diġà fis-seħħ fl-Istati Membri.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Saru konsultazzjonijiet li kienu jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru kollha fil-Grupp ta' Esperti għal kwistjonijiet orizzontali rigward il-PAK. Bis-saħħa ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta lill-membri tal-Grupp ta' Esperti nhar it-Tlieta, 30 ta' Settembru 2025, kienet possibbli preżentazzjoni sħiħa tal-abbozz tad-dispożizzjoni u l-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni. Esperti minn tmien Stati Membri pprovdew il-feedback tagħhom. Erba' minnhom indikaw li jappoġġaw il-proposta jew li ma kellhomx kummenti. Espert ippropona li jiġi indikat b'mod ċar li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u li għandu japplika mis-sena finanzjarja 2025. Il-Kummissjoni qieset li r-Regolament jaf ma jkunx fis-seħħ sal-15 ta' Frar 2026. Għalhekk biex ikun applikabbli għas-sena finanzjarja 2025, jekk ikun meħtieġ se tinkludi d-dispożizzjonijiet ta' retroattività fl-abbozz tar-Regolament. Il-kummenti li waslu mingħand l-esperti minn tliet Stati Membri oħra mhumiex marbutin mal-emendi introdotti fir-Regolament.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att iwaqqaf l-eżerċizzju tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni għall-Istati Membri, kif indikat fl-emenda tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda mhux se jkollha impatti finanzjarji fuq il-baġit tal-Unjoni.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.1.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 fir-rigward tal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1), l-Artikolu 38(2) u l-Artikolu 40(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2025/2649 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tas-sospensjonijiet tal-approvazzjoni tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali², u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127³ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2025/2649 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill iħassar l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116 li jipprevedi l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-referenzi għall-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni jitħassru mir-Regolament Delegat (UE) 2022/127,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/127 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>.

² ĠU L 2025/2649, 31.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2649/oj>.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

“ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115 huwa kopert mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-opinjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 u t-trażmissjoni tiegħu hija akkumpanjata b’dikjarazzjoni ta’ ġestjoni li tkopri l-kompilazzjoni tar-rapport kollu;”

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“it-tnaqqis imsemmi f’dan l-Artikolu għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni sussegwenti dwar il-proċedura tal-konformità msemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116.”

(3) l-Artikolu 11 jitħassar.

(4) l-Artikolu 13 jitħassar.

(5) fl-Anness I, il-punt 1(A)(iv) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(iv) fir-rigward tat-tipi ta’ interventi msemmija fir-Regolament (UE) 2021/2115, l-istruttura organizzazzjonali tal-aġenzija tal-pagamenti għandha wkoll tiżgura l-eżekuzzjoni tar-rapportar dwar il-prestazzjoni fuq l-indikaturi tal-output u fuq l-indikaturi tar-riżultat imsemmija fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115, u turi li hemm konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/2116”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.1.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN